# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 15 t'April 2002**

**Numru 3**

**Avviz. numru 1489/99mm**

**Information Technology Services Limited**

**vs**

**Brian Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fit-13 ta' Ottubru, 1999 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija erbgha u hamsin lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm654.19c) rapprezentanti ammont dovut mill-konvenut abbazi tal-klawzola numru 7.4 tal-kuntratt ta' impjieg definittiv iffirmat mill-konvenut u li jgib id-data tad-dsatax (19) ta' Gunju elf disa mija sitta u disghin (1996) li kopja tieghu giet annessa mal-avviz u mmarkata Dok "A", u dan skond ittra li ggib id-data tal-ghoxrin (20) ta' April elf disa mija u disa u

disghin (1999) li kopja taghha hija annessa mal-avviz u mmarkata Dok “B” u kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi l-VAT, kif ukoll dawk ta’ l-ittra ufficjali li ggib id-data ta’ 4 ta’ Gunju 1999 u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta’ l-istess ittra u cioe’ mis-17 ta’ Gunju 1999 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:-

Illi l-esponent ghamel zmien impjegat tas-socjeta’ attrici ghal zmien indefinit.

L-iskrittura relattiva u ffirmata mill-partijiet ma hix dik esibita mis-socjeta’ attrici izda l-iskrittura minghajr data, annessa u markata Dok “X”.

Illi minn ezami ta’ l-istess skrittura Dok “X”, jirrizulta li l-impjieg ma kienx ghal zmien definittiv bhala qed tallega s-socjeta’ attrici. Fil-fatt fl-istess Dok “X”, ma hemmx imnizzel data ta’ terminazzjoni u ghalhekk l-impjieg kien ghal zmien indefinittiv. Rilevanti wkoll jigi rilevat li z-zewg skritturi in atti ma jirriflettux fedelment il-ftehim li gie milhuq u attwat mill-partijiet.

Barra minn hekk l-esponent ta debitu avviz (bil-fomm) ta’ terminazzjoni ta’ impjieg u saret ko-operazzjoni amikevoli bejn il-partijiet sabiex issir “handover” regolari.

Minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit, u dato ma non concesso li wiehed ghandu japplika d-dokument “Dok A” in preferenza ghad-dokument “Dok X”, l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tordna debita riduzzjoni fil-penali pretiza mis-socjeta’ attrici.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi skond ftehim datat 13 ta’ Gunju 1996 (fol 33) il-konvenut gie mpjegat b’kuntratt definittiv ghal zmien tlett snin mas-socjeta’ attrici. Dan il-ftehim huwa suggett ta’ kontroversja peress illi l-konvenut qieghed jallega illi dan huwa null il-ghaliex il-kopja illi giet moghtija lilu fiha l-vojt ghal dak li jirrigwarda t-terminu ta’ l-impjieg tieghu u ghalhekk jallega li dan l-impjieg mas-socjeta’ attrici kien wiehed ghal zmien indefinit u mhux wiehed definit kif allegat l-istess socjeta’. Qal ghalhekk it-termini msemmija fil-paragrafu 7.4 ta’ l-istess ftehim ma japplikawx u minflok ghandhom jidhlu in vigore t-termini tal-artikolu 31 tac-CERA ghal zmien indefinit.

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta li l-kopja tal-ftehim li giet moghtija lill-konvenut fiha kliem nieqes ghal dak li jirrigwarda t-terminu ta’ l-impjieg. Din il-

kopja pero' tibqa' dejjem kopja moghtija lill-konvenut bhala kortesija. L-original hija dik esebita a fol 33 fejn ma fiha xejn nieqes inkluz il-firem originali tal-partijiet. Fuq dan ta' l-ahhar ma hemmx kontestazzjoni u l-konvenut jirrikonoxxi li kellu zmien bizzejjed sabiex jezamina dan il-ftehim qabel ma ffirmah. Fil-fatt a fol 79 ighid testwalment *"il-klawsola tal-penali kienet fil-kuntratt mill-bidu nett u minkejja li dan il-kuntratt kien ghandi d-dar sabiex narah, jiena l-aktar li kkoncentrajt kien fuq il-klawsoli tal-pagi".*

Il-konvenut accetta t-termini tal-kuntratt u ffirma l-original a fol 33. Jghid pero', li huwa ma kienx prezenti meta tnizzel iz-zmien ta' l-impjieg kif indikat fl-istess ftehim, liema terminu kellu jkun mill-20 ta' Gunju 1996 sal-31 ta' Mejju 1999.

Il-Qorti jidhrilha illi dan il-ftehim ghandu jigi accettat u applikat kif inhu, ladarba l-konvenut ghazel li ma jattakkahx b'kawza "ad hoc" quddiem Qorti kompetenti. Din il-Qorti ghandha l-konfort tal-kawza fl-ismijiet Anthony Joseph Bajada vs Pauline Lam (Vol XXXVI pt ii pg 585) fejn inghad *"hija gurisprudenza kostanti illi meta l-kwistjoni hija ta' nullita' l-konvenut f'kawza jista jaghtiha b'eccezzjoni, imma jekk il-kwistjoni hija wahda ta' annullabilita', ma tistax tingieb il-quddiem flieh b'azzjoni ad hoc (ara wkoll Vol XXX VIII pt 1 pg 51)".*

Fl-eccezzjoni tieghu l-konvenut qieghed jitlob l-annullabilita' ta' dan il-ftehim peress illi l-kopja li giet moghtija lilu hija nieqsa minn elementi mportanti ghal kostituzzjoni ta' obbligi msemmija fl-istess ftehim. Kif gia nghad, fuq l-iskorta tas-sentenza fuq

imsemmija l-konvenut ma jistax jgib 'l quddiem b'eccezzjoni bhal din u missu allura ghamel kawza "ad hoc" fejn l-allegazzjoni tieghu jressaqha l-quddiem u l-Qorti kompetenti. La dana ma ghamlux il-Qorti tiehu dan il-ftehim kif inhu bhala vinkolanti bejn il-partijiet.

Ikkunsidrat:

Mhuwiex kontestat bejn il-partijiet illi t-terminu msemmi fil-ftehim ma giex osservat mill-konvenut. Skond l-istess ftehim, it-terminu kellu jiskadi fil-31 ta' Mejju 1999, izda l-konvenut telaq f'Jannar tal-1999. Dana jmur kontra l-Artikolu 7.4 ta' l-istess ftehim, illi allura jitfa l-obbligu fuq il-konvenut illi *"to pay the company by way of agreed damages an amount equal to one half of the salary the employee would have been paid during the rest period of this agreement."* Is-socjeta' attrici hadmet din il-penali fl-ammont ta' tminn mija u erbghin lira (Lm840.00) pero', peress li kien hemm petrol allowance dovut lill-konvenut, dan l-ahhar allowance gie akkreditat biex il-bilanc gie jaqra sitt mija erbgha u hamsin lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm645.19c). Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar dan il-quantum. Mill-bqija t-termini tal-ftehim huma cari u ma jaghtu l-ebda lok ghal interpretazzjoni.

Fil-kawza fl-ismijiet <u>Albert Brincat et vs Anthony Saliba et noe</u> deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Novembru 1983, dik il-Qorti kienet qalet illi *"ma tista tingieb l-ebda xhieda orali biex tigi spjegata skrittura privata illi kienet cara u bl-ebda mod oskura".* Dan ukoll huwa konformi mat-taghlim fid-dritt Ruman illi *"quoties*

*in verbis nulla est ambiquitas, ibi nulla exposito contra verba fienda est."*

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut li jhallasha l-ammont ta' sitt mija erbgha u hamsin lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm654.19c) rapprezentanti ammont dovut mill-konvenut abbazi tal-kawzola numru 7.4 tal-kuntratt ta' impjieg definittiv iffirmat mill-konvenut u li jgib id-data tad-dsatax (19) ta' Gunju elf disa mija sitta u disghin (1996).

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Dep Reg